SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

28 ta' Lulju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 167, 168, 178 sa 182, 193, 206, 242, 244, 250, 252 u 273 — Dritt għal tnaqqis tal-VAT — Rekwiżiti sostantivi — Rekwiżiti proċedurali — Terminu ta' dekadenza — Dispożizzjonijiet nazzjonali li jeskludu d-dritt għal tnaqqis f'każ ta' osservanza tal-parti l-kbira tar-rekwiżiti proċedurali — Evażjoni fiskali"

Fil-Kawża C-332/15,

li għandha bħala suġġett tagħha talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale di Treviso (qorti ta' Treviso, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' April 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Lulju 2015, fil-proċeduri kriminali kontra

**Giuseppe Astone,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn C. Toader, President tal-Awla, A. Rosas u E. Jarašiūnas (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn G. Galluzzo, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Grieg, minn K. Nasopoulou u A. Dimitrakopoulou, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Recchia u C. Soulay, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal- Artikoli 167, 168, 178 sa 181, 244 u 250 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mressqa kontra Giuseppe Astone, bħala rappreżentant legali ta' La Società Del Ferro Srl (iktar 'il quddiem "Del Ferro"), minħabba l-fatt li ma ressqitx id-dikjarazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (TVA) għas-sena fiskali 2010.

## Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Taħt it-Titolu X, intitolat "Tnaqqis", id-Direttiva tal-VAT tinkludi ħames kapitoli. Taħt il-Kapitolu 1 ta' dan it-titolu, intitolat "Oriġini u skop tad-dritt ta' tnaqqis", jidhru b'mod partikolari l-Artikoli 167 u 168 ta' din id-direttiva, redatti hekk:

"Artikolu 167

Dritt ta' tnaqqis iseħħ fil-ħin meta t-taxxa mnaqqsa tiġi imposta.

Artikolu 168

Sakemm il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall-iskopijiet tat-transazzjonijiet taxxabbli ta' persuna taxxabbli, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata, fl-Istat Membru li fih twettaq dawn it-transazzjonijiet, li tnaqqas mill-VAT li għandha tħallas dan li ġej:

(a) il-VAT dovuta jew imħallsa f'dak l-Istat Membru rigward provvisti li sarulha ta' merkanzija jew servizzi, li twettqu jew li għad iridu jitwettqu minn persuna taxxabbli oħra;

(b) il-VAT dovuta rigward transazzjonijiet trattati bħala provvisti ta' merkanzija jew servizzi [...]

c) il-VAT dovuta rigward akkwisti intra-Komunitarji ta' merkanzija [...]

d) il-VAT dovuta fuq transazzjonijiet trattati bħala akkwisti intra-Komunitarji [...]

e) taxxa fuq il-valur miżjud dovut jew imħallas għal merkanzija importata f'dak l-Istat Membru."

4 Taħt il-Kapitolu 4 tal-imsemmi Titolu X, intitolat "Regoli li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' tnaqqis", jidhru b'mod partikolari l-Artikoli 178 sa 182 tal-imsemmija direttiva, li jispeċifikaw:

"Artikolu 178

Biex teżerċita d-dritt ta' tnaqqis, persuna taxxabbli għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) għall-finijiet ta' tnaqqis skont l-Artikolu 168(a), fir-rigward tal-provvista ta' merkanzija jew servizzi, hi għandha jkollha fattura imħejjija skont l-Artikoli 220 sa 236 u l-Artikoli 238, 239 u 240;

(b) għall-finijiet ta' tnaqqis skont l-Artikolu 168(b), fir-rigward ta' transazzjonijiet trattati bħala l-provvista ta' merkanzija jew servizzi, hi għandha tkun konformi mal-proċeduralitajiet kif stabbiliti minn kull Stat Membru;

(ċ) għall-finijiet ta' tnaqqis skont l-Artikolu 168(ċ), fir-rigward ta' l–akkwist intra-Komunitarju ta' merkanzija, hi għandha tniżżel fid-denunzja tal-VAT prevista fl-Artikolu 250 l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ammont tal-VAT dovut fuq l-akkwisti intra-Komunitarji tagħha ta' merkanzija li għandha tiġi kkalkulata u hi għandha jkollha fattura mfassla skont l-Artikoli 220 sa 236;

(d) għall-finijiet ta' tnaqqis skont l-Artikolu 168(d), fir-rigward ta' transazzjonijiet trattati bħala akkwisti intra-Komunitarji ta' merkanzija, hi għandha tikkompleta l-proċeduralitajiet kif inhuma stabbiliti minn kull Stat Membru;

(e) għall-finijiet ta' tnaqqis skont l–Artikolu 168(e), fir-rigward tal-importazzjoni ta' merkanzija, hi għandha jkollha dokument li jispeċifikaha bħala ir-riċevitur jew importatur u jiddikjara l-ammont ta' VAT dovuta jew li jippermetti li dan l-ammont jiġi kkalkulat;

[...]

Artikolu 179

Il-persuna taxxabbli għandha teffettwa t-tnaqqis billi tnaqqas mill-ammont totali tal-VAT dovuta għal perijodu partikolari ta' taxxa l-ammont totali ta' VAT li fir-rigward tagħha, matul l-istess perijodu, id-dritt li tnaqqas irriżulta u hu eżerċitat skont l-Artikolu 178.

[...]

Artikolu 180

L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw persuna taxxabbli li tagħmel tnaqqis li ma tkunx għamlet skont l-Artikoli 178 u 179.

Artikolu 181

L-Istati Membri jistgħu jawtoriżżaw persuna taxxabli li m'għandhiex fattura mfassla skont l-Artikoli 220 sa 236 li tagħmel it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 168(ċ) fir-rigward tal-akkwisti intra-Komunitarji tagħha ta' merkanzija.

Artikolu 182

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kondizzjonijiet u r-regoli dettaljati biex japplikaw l-Artikoli 180 u 181."

5 It-Titolu XI tad-Direttiva tal-VAT, intitolat "Obbligi ta' Persuni Taxxabbli u ta' Ċerti Persuni Mhux Taxxabbli", fih tmien kapitoli. Il-Kapitolu 1 ta' dan it-titolu huwa bbażat fuq "L-obbligu ta' ħlas". Taħt it-Taqsima 1 ta' dan il-kapitolu, intitolata "Persuni responsabbli għall-ħlas tal-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa", l-Artikolu 193 ta' din id-direttiva jispeċifika:

"Il-VAT għandha titħallas minn kwalunkwe persuna taxxabbli li tkun qed twettaq forniment taxxabbli ta' merkanzija jew servizzi, minbarra fejn din titħallas minn persuna oħra [...]"

6 Taħt it-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu XI tad-Direttiva tal-VAT, intitolata "Arranġamenti ta' ħlas", l-Artikolu 206 ta' din id-direttiva jipprevedi li:

"Kwalunkwe persuna taxxabbli responsabbli għall-ħlas tal-VAT għandha tħallas l-ammont nett tal-VAT meta tippreżenta d-denunzja tal-VAT prevista fl-Artikolu 250. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jistabbilixxu data differenti biex jitħallas dak l–ammont jew jistgħu jitolbu li jsiru ħlasijiet *interim*."

7 Il-Kapitolu 4 tat-Titolu XI tad-Direttiva tal-VAT, intitolat "Kontabilità", fih erba' taqsimiet. Taħt it-Taqsima 2 ta' dan il-kpitolu, intitolata "Obbligi ġenerali", l-Artikolu 242 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Kull persuna taxxabbli trid iżżomm kontijiet dettaljati biżżejjed biex il-VAT tkun tista' tkun applikata u biex l-applikazzjoni tagħha tkun ivverifikata mill-awtoritajiet tat-taxxa.

8 Taħt it-Taqsima 3 ta' dan l-istess Kapitolu 4, intitolata "Obbligi speċifiċi dwar il-ħażna tal-fatturi kollha", l-Artikolu 244 tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Kull persuna taxxabbli għandha tiżgura li kopji tal-fatturi maħruġa minnha, jew mill-konsumatur tagħha jew, f'isimha u għan-nom tagħha, minn parti terza, u l-fatturi kollha li hija rċeviet, ikunu maħżuna."

9 Taħt il-Kapitolu 5 tat-Titolu XI tad-Direttiva tal-VAT, intitolat "Denunzji", l-Artikoli 250 u 252 ta' din id-direttiva jispeċifikaw:

"Artikolu 250

1. Kull persuna taxxabbli għandha tipprezżenta denunzja tal-VAT li tistipula l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tinħadem it-taxxa li ġiet imposta u t-tnaqqis li jrid isir inkluż, sa fejn hu meħtieġ biex tkun stabbilita l-bażi tal-valutazzjoni, il-valur totali tat-transazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dawn it-taxxi u tnaqqis u l-valur ta' kwalunkwe transazzjonijiet eżenti.

[...]

Artikolu 252

1. Id-denunzja tal-VAT għandha tiġi ppreżentata sa terminu perentorju li jkun stabbilit mill-Istati Membri. Dak it-terminu perentorju m'għandux ikun ta' aktar minn xahrejn mill-aħħar ta' kull perijodu fiskali.

2. Il-perijodu fiskali għandu jkun stabbilit minn kull Stat Membru f'xahar, f'xahrejn jew f'tliet xhur.

L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jistabbilixxu perijodi fiskali differenti sakemm dawn ma jaqbżux sena."

10 Taħt il-Kapitolu 7 tat-Titolu XI tad-Direttiva tal-VAT, intitolat "Disposizzjonijiet varji", l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 273, ta' din id-direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi oħrajn li jidhrulhom meħtieġa biex jiżguraw il-ġbir korrett ta' VAT u biex ma ssirx [evażjoni], soġġett għall-ħtieġa ta' trattament indaqs bejn transazzjonijiet domestiċi u transazzjonijiet li jsiru bejn Stati Membri minn persuni taxxabbli u sakemm dawn l-obbligi, fin-negozju bejn Stati Membri, ma jagħtux lok għal proċeduralitajiet konnessi mal-qsim ta' fruntieri."

*Id-dritt Taljan*

11 Id-decreto del Presidente della Repubblica n 633 – Istituzione e disciplina dell'imposta sul valore aggiunto (Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 633, li jistabbilixxi u jirregola t-taxxa fuq il-valur miżjud), tas-26 ta' Ottubru 1972 suppliment ordinarju għall-GURI Nruº292, tal-11 ta' Novembru 1972), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 633"), li fih Artikolu 19, intitolat "Tnaqqis". Il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jipprevedi:

"Sabiex tiġi ddeterminata t-taxxa dovuta skont l-ewwel subparagrafu Artikolu 17, jew l-eċċess previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30, l-ammont ta' taxxa mħallsa jew dovuta mill-persuna taxxabbli jew li ġiet iffatturata lilha bħala korrispettiv tad-dritt fir-rigward tal-oġġetti u servizzi importati jew mixtrija għall-finijiet tal-operar tal-impriża tagħha jew tal-eżerċizzju tal-attività jew tal-professjoni tagħha hija deduċibbli mill-ammont tat-taxxa fuq l-operazzjonijiet li tkun wettqet. Id-dritt għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-oġġetti u s-servizzi mixtrija jew importati jinħoloq meta t-taxxa issir eżiġibbli u dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat l-iktar tard, fil-prospett tat-taxxa għat-tieni sena wara s-sena li matulha jinħoloq id-dritt għal tnaqqis u suġġett għall-kundizzjonijiet li japplikaw fil-mument meta d-dritt innifsu jinħoloq."[Traduzzjoni mhux uffiċċjali]

12 L-Artikolu 25 tad-Digriet Nru 633, intitolat "Reġistrazzjoni tax-xiri", jipprevedi:

"Il-persuna taxxabbli għandha l-obbligu li telenka b'mod sekwenzjali l-fatturi u n-nota doganali relatati mal-oġġetti u s-servizzi mixtrija jew importati għall-finijiet tal-operar tal-impriża tagħha jew tal-eżerċizzju tal-attività tagħha jew tal-professjoni tagħha [...] u li tirreġistrahom f'reġistru intiż għal dan l-għan jew il-prospett annwali li fih il-persuna taxxabbli teżerċita d-dritt għal tnaqqis tat-taxxa relatata ma' dawn il-fatturi jew nota.

Ir-reġistrazzjoni għandha turi d-data tal-fattura jew tan-nota, in-numru sekwenzjali li ġie attribwit lilha, l-isem kummerċjali, l-isem jew l-isem korporattiv tal-bejjiegħ jew fornitur tas-servizz, jew ismu u kunjomu jekk ma jkunx impriża, kumpannija jew entità, u l-ammont taxxabbli u l-ammont tat-taxxa, differenzjati skont ir-rata applikabbli.

[...]"

13 L-Artikolu 39 ta' dan id-digriet, intitolat "Żamma u konservazzjoni tar-reġistri u tad-dokumenti", jispeċifika:

"Ir-reġistri previsti minn dan id-digriet [...] għandhom jinżammu konformement mal-Artikolu 2219 tal-Kodiċi Ċivili u kull paġna għandha tkun enumerata b'mod sekwenzjali, u huma eżenti mit-taxxa tal-boll. [...]

[...]

Ir-reġistri, kotba, l-iskedarji u l-listi kif ukoll il-fatturi, in-noti doganali u dokumenti oħra previsti minn dan id-digriet għandhom jinżammu konformement mal-Artikolu 22 tad-Digriet tal-President tar-£Òepubblika Nru 600 tad-29 ta' Settembru 1973. [...]"

14 Id-decreto legislativo n. 74 – Nuova disciplina dei reati in materia di imposte sui redditi e sul valore aggiunto, a norma dell'articolo 9 della legge 25 giugno 1999, n. 205 (Digriet leġiżlattiv Nru 74, dwar leġiżlazzjoni ġdida ta' ksur fil-qasam ta' txxa fuq id-dħul u ta' taxxa fuq il-valur miżjud, konformement

mal-Artikolu 9 tal-Liġi Nru 205, tal-25 ta' Ġunju 1999), tal-10 ta' Marzu 2000 (GURI Nru 76, tal-31 ta' Marzu 2000, p. 4), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet leġiżlattiv Nru 74"), jipprevedi, fl-Artikolu 5 tiegħu, intitolat "Assenza ta' dikjarazzjoni":

"1. Kull min ma jippreżentax waħda mid-denunzji annwali, dwar it-taxxa fuq id-dħul jew dwar il-[VAT] f'każ li jkun obbligat li jippreżentahom, bil-għan li jevadihom, meta waħda jew l-oħra mit-taxxa evaża hija għola minn EUR 30 000, huwa punibbli b'piena ta' priġunerija ta' tliet snin.

[...]"

15 Konformement mal-Artikolu 1(1)(f) ta' dan id-digriet leġiżlattiv, it-"taxxa evaża" tikkorrispondi għad-"differenza bejn it-taxxa effettivament dovuta u dak li jkun idnikat fid-dikjarazzjoni, jew it-taxxa dovuta kollha f'każ ta' assenza ta' dikjarazzjoni, wara tnaqqis tas-somom imħallsa mill-persuna taxxabbli jew minn terzi bħala pagament akkont, jew bħala taxxa minn ras-il għajn jew, fi kwalunkwe każ, bħala ħlas ta' din it-taxxa qabel ma tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni jew l-iskadenza tt-terminu tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni".

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 Matul kontroll fiskali mibdi fl-4 ta' Lulju 2013, il-Guardia di Finanza (il-pulizija fiskali u finanzjarja, l-Italja) ikkonstatat li, għas-snin fiskali 2010, 2011, 2012 u 2013, G. Astone, bħala rappreżentant ta' Del Ferro, ma kienx f'qagħda li jipproduċi la l-kontabbiltà u lanqas ir-reġistru tal-VAT. Dan l-istess kontroll irrivela li, għas-sena finanzjarja 2010, din il-kumpannija ħarġet fatturi għal ammont taxxabbli ta' VAT ta' EUR 320 205, iżda li, peress li ma ppreżentatx id-dikjarazzjoni tal-VAT relatata, hija naqset li tħallas l-ammont ta' EUR 64 041 ta' VAT, u li, għas-snin fiskali sussegwenti, hija ma ppreżentatx id-dikjarazzjoni tal-VAT. L-imsmemi kontroll wera wkoll li Del Ferro ma osservatx l-obbligu ta' reġistrazzjoni tal-fatturi maħruġa.

17 Fir-rigward tal-assenza tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-VAT għas-sena fiskali 2010, G. Astone, bħal rappreżentant legali ta' Del Ferro, kien suġġett għal proċeduri quddiem l-awla krimninali tat-Tribunale di Treviso (qorti ta' Treviso, L-Italja) sabiex iweiġeb għal ksur previst fl-Artikolu 5(1) tad-Digriet leġiżlattiv Nru 74.

18 Matul din il-proċedura quddim il-qorti ta' rinviju, G. Astone pproduċa fatturi maħruġa mill-impriżi terzi fir-rigward ta' Del Ferro matul is-sena finanzjarja 2010, li kienu tħallsu, inkluża l-VAT, iżda li ma ġewx irreġistrati fil-kontabblità ta' din il-kumpannija. Abbażi ta' dawn il-fatturi, l-ammont tal-VAT deduċibbli ġie kkalkolat fl-ammont ta' EUR30 590. G. Astone jsostni li dawn il-fatturi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, konformement għall-ġurisprudenza tal-Qorti dwar id-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa minn persuna taxxabbli. Inkunsiderazzjoni tal-VAT deduċibbli u ta' kreditu ta' taxxa preċedenti favuriha, l-ammont ta' taxxa evaża ma taqbiżx il-limitu ta' EUR 30 000 ffissat mill-Artikolu 5(1) tad-Digriet leġiżlattiv Nru 74 u, konsegwentement, ma jeżistix ksur kundannabbli skont din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, G. Astone jitlob li jiġi illiberat. Il-prosekutur pubbliku jitlob ukoll il-ħelsien ta' G. Astone.

19 Il-qorti tar-rinviju tindika li l-leġiżlazzjoni Taljana tissuġġetta d-dritt għal tnaqqis tal-VAT għall-osservanza tal-obbligi proċedurali fir-rigward, b'mod partikolari, għall-preżentazzjoni tad-denunzji kkonċernati, fil-mument li l-persuna taxxabbli targumenta li l-kreditu tal-VAT u minħabba li l-fatturi kkonċernati ġew imniżżla fir-reġistru previst, bil-konsegwenza li, skont din il-qorti, il-persuna taxxabbli ma għandhiex id-dritt li tnaqqas il-VAT tal-input, anki jekk imħallsa, jekk ma tkunx debitament irreġistrata.

20 B'riferiment għall-Artikolu 5(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 74 il-qorti tar-rinviju tindika li, fl-assenza ta' dikjarazzjoni tal-VAT, id-dritt Taljan jipprevedi li t-taxxa evaża tinkludi t-taxxa dovuta kollha, mingħajr ma huwa possibbli li jittieħed inkunsiderazzjoni, f'dak li jirrigwarda l-VAT, tal-VAT imħallsa lill-fornituri jekk l-obbligi proċedurali previsti mil-liġi ma jkunux ġew osservati. F'dan il-każ, it-taxxa dovuta, inkluża dik bil-għan li tiġi ddeterminata l-possibbiltà li jiġu eżerċitati proċeduri kriminali skont din id-dispożizzjoni, hija għalhekk, skont din il-qorti, dik li tirriżulta mill-fatturi maħruġa. Fil-fatt, l-imsmemija qorti, tikkunsidra l-possibbiltà li tieħu inkunsiderazzjoni l-VAT tal-input imħallsa tippresupponi li d-dritt għal tnaqqis ġie eżerċitat meta saret id-dikjarazzjoni annwali u jirrigwrada biss il-fatturi li ġew inklużi fir-reġistru.

21 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li d-dritt tal-Unjoni jissuġġetta wkoll l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis għall-osservanza ta' ċerti obbligi u tirreferi f'dan ir-rigward għall-Artikoli 167, 168, 178 sa 181, 244 u 250 tad-Direttiva tal-VAT. Barra minn hekk, hija tosserva li, konformement għas-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2008, Ecotrade(C-95/07 u C-96/07, EU:C:2008:267), u tat-30 ta' Settembru 2010, Uszodaépítő (C-392/09, EU:C:2010:569), il-prinċipju ta' newtralità fiskali jeżiġi li t-tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa għandha tingħata jekk ir-rekwiżiti sostantivi li jirregolaw id-dritt għal tnaqqis jiġu ssodisfatti, anki jekk ċerti rekwiżiti proċedurali ġew imħollija barra mill-persuni taxxabbli. Madankollu, dawn is-sentenzi ma jispeċifikawx liema huma r-rekwiżiti inkwistjoni u b'mod partikolari liema obbligi proċedurali għandhom jiġu imperattivament osservati sabiex il-persuna taxxabbli tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha għal tnaqqis. Peress li G. Astone ma osserva l-ebda obbligu proċedurali, jeħtieġ tweġiba mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi deċiża r-resposnabbiltà kriminali tiegħu.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale di Treviso (qorti ta' Treviso, l-Italja) ddeċiediet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-Unjoni ċċitata fil-motivi [tad-deċiżjoni ta' rinviju], jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri li, bħad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq [tad-deċiżjoni ta' rinviju], fis-seħħ fl-Italja (Artikolu 19 tad-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 633 tas-26 ta' Ottubru 1972), jeskludu, inkluż fil-qasam kriminali, li l-persuna taxxabbli tista' teżerċita d-dritt għal tnaqqis jekk hija ma' ppreżentatx dikjarazzjoni tal-VAT, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni dwar it-tieni sena wara dik li fiha d-dritt għal tnaqqis beda?

2) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28. Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif interpretati mill-ġurisprudenza Komunitarja ċċitata fil-motivi, jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri li, bħad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, fis-seħħ fl-Italja (Artikoli 25 u 39 tad-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 633 tas-26 ta' Ottubru 1972), jeskludu, inkluż fil-qasam kriminali, li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tat-tnaqqis tal-VAT, fatturi imħallsa li l-persuna taxxabbli bl-ebda mod ma rreġistra?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

23 Il-Gvern Taljan jikkontesta l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari minħabba li huma bbażati fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dritt Taljan, li jipprevedi, fir-realtà, li id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-portata tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT ma jittieħdux inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' jekk il-limitu sabiex tiskatta s-sanzjoni kriminali, prevista mill-Artikolu 5(1) tad-Digriet leġiżlattiv Nru 74, intlaħaqx. Minn dan isegwi li r-risposta li qed tintalab mill-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi magħmula ma humiex utli sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li d-dispożizzonijet Taljani li jitrasponu d-Direttiva tal-VAT ma humiex applikabbli għall-kawża.

24 Madankollu, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 276 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni li trid tingħata, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, bħala prinċipju, tagħti deċiżjoni (is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Stoß *et*, C-316/07, C-358/07 sa C-360/07, C-409/07 u C-410/07, EU:C:2010:504, punt 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Bl-istess mod, fil-kuntest ta' din il-proċedur, hija esklużivament il-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara, f'dan is-sens,, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et*, C-416/10, EU:C:2013:8, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

25 Mill-konklużjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, minkejja id-dubji li ġew espresssi f'dan ir-rigward mill-Gvern Taljan fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tqis bħala fatt stabbilit dak li ġie espost mill-qorti tar-rinviju, jiġifieri li d-dritt Taljan jipprevedi li l-limitu ta' skattar tas-sanzjoni kriminali, prevista fl-Artikolu 5(1) tad-Digriet leġiżlattiv Nru 74, hija ddeterminata bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet sostantivi li jirregolaw il-portata tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT u, konsegwentement, u li jiġi kkonstatat li d-domandi magħmula huma ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

26 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li d-Direttiva tal-VAT, konformement għall-Artikoli 411 u 413 tagħha, ħassret u ssostitwiet, mill-1 ta' Jannar 2007, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-VAT, b'mod partikolari s-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

27 Skont il-premessi 1 u 3 tad-Direttiva tal-VAT, il-formulazzjoni mill-ġdid tas-Sitt Direttiva kienet meħtieġa sabiex id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli jiġu ppreżentati b'mod ċar u razzjonali bi struttura u redazzjoni riveduti mingħajr ma jkun hemm, bħala prinċipju, tibdil fis-sustanza. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT li huma rilevanti fil-kuntest tal-kawża prinċipali huma, essenzjalment, identiċi għad-dispożizzjonijiet ekwivalenti tas-Sitt Direttiva 77/388 jibqgħu rilevanti sabiex jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet ekwivalenti tad-Direttiva tal-VAT (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012, Mahagében u Dávid, C-80/11 u C-142/11, EU:C:2012:373, punt 35).

Fuq l-ewwel domanda

28 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li huwa biss matul il-proċedura mibdija quddiem il-qorti tar-rinviju li l-imputat fil-kawża prinċipali invoka d-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input imħallsa, peress li, skont l-Artikolu 19(1) tad-Digriet Nru 633, dan id-dritt għandu jiġi eżerċjatat mhux iktar tard, fid-dikjarazzjoni tat-taxxa għat-tieni sena wara dik li matulha l-imsemmi dritt inħoloq. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u inkunsiderazzjoni ta' dak li ġie espost mill-qorti tar-rinviju u mfakkar fil-punt 25 ta' din is-sentenza, għandu jinftiehem li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 167, 168, 178, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 179, u l-Artikoli 180 u 182 tad-Direttiva tal-VAT għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi terminu ta' dekadenza għall-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

29 F'dak ir-rigward, għandu jitfakkar, li s-sistema ta' tnaqqis stabbilita mid-Direttiva tal-VAT hija intiża li teħles kompletament lill-imprenditur mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu kollha. Għalhekk, is-sistema komuni tal-VAT tiggarantixxi n-newtralità perfetta fir-rigward tat-tassazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, ikunu liema jkunu l-għanijiet jew ir-riżultati

tagħhom, bil-kundizzjoni li l-imsemmija attivitajiet ikunu huma stess, fil-prinċipju, suġġetti għall-VAT (is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, EU:C:2012:458, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt għal tnaqqis previst mill-Artikoli 167 u 168 tad-Direttiva tal-VAT huwa parti integrali tal-mekkaniżmu tal-VAT u fil-prinċipju, ma jistax jiġi limitat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2008, Ecotrade, C-95/07 u C-96/07, EU:C:2008:267, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, EU:C:2012:458, punt 44).

31 Hekk kif jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 167 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 179 tad-Direttiva tal-VAT, id-dritt għal tnaqqis iseħħ, bħala prinċipju, fl-istess perijodu bħal dak li fih jidħol fis-seħħ, jiġifieri fil-mument meta t-taxxa tkun dovuta.

32 Madankollu, skont l-Artikoli 180 u 182 ta' din l-istess direttiva, persuna taxxabbli tista' tiġi awtorizzata li teżerċita t-tnaqqis anki jekk ma tkunx eżerċitat id-dritt tagħha matul il-perijodu li fih dan id-dritt inħoloq, suġġett, madankollu, għall-osservanza tal-kundizzjonijiet u tal-modalitajiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali (is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, EU:C:2012:458, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Madankollu, il-possibbiltà li jiġi eżerċitat id-dritt għal tnaqqis mingħajr limitu fiż-żmien tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali, li jeżiġi li s-sitwazzjoni fiskali tal-persuna taxxabbli, fid-dawl tad-drittijiet u obbligi tiegħu fil-konfront tal-awtoritajiet fiskali, ma tistax tkun ikkontestati indefinittivament (is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2008, Ecotrade, C-95/07 u C-96/07, EU:C:2008:267, punt 44, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, EU:C:2012:458, punt 48).

34 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni, li terminu ta' dekadenza li l-iskadenza tiegħu għandha bħala konsegwenza l-issanzjonar tal-persuna taxxabbli li ma tkunx diliġenti biżżejjed, li tkun naqset li tinvoka t-tnaqqis tal-VAT tal-input, minħabba li jtellfilha dritt għal tnaqqis, li ttellifha d-dritt għal tnaqqis, ma jkunx ikkunsidrat bħala inkompatibbli mas-sistema stabbilita mid-Direttiva tal-VAT sakemm, minn naħa, li dan it-terminu japplika bl-istess mod għad-drittijiet simili fil-qasam fiskali bbażati fuq id-dritt intern u għal dawk ibbażati fuq id-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' ekwivalenza) u, min-naħa l-oħra, li fil-prattika ma jagħmilx impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis (prinċipju ta' effettività) (is-sentenzi tat-8 ta Mejju 2008, Ecotrade, C-95/07 u C-96/07, EU:C:2008:267, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, EU:C:2012:458, punt 49).

35 F'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' rinviju ma turix jekk, fil-kawża prinċipali, il-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni huwa jew ma huwiex applikabbli. Madankollu, dan huwa irrilevanti għall-finijiet tar-risposta għall-ewwel domanda, peress li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT imfakkra fil-punti 31 u 32 ta' din is-sentenza ma jistabbilixxux, fir-rigward tat-terminu ta' dekadenza għall-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis li jista' jiġi ffissat mill-Istati Membri b'applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li għandha ssir distinzjoni bejn l-ipoteżijiet li fihom il-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni jkun applikabbli u dawk li fihom dan il-mekkaniżmu ma jkun applikabbli.

36 Fir-rigward tal-fatt ta' jekk terminu ta' dekadenza ta' sentejn, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 34 ta' din is-sentenza, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-qorti nazzjonali li għandh tevalwa l-kompatibiltà ta' miżuri nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdilha kull indikazzjoni utli bil-għan li tiġi riżolta t-tilwima li tinġieb għak-konjizzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, EU:C:2012:458, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan il-każ, f'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' ekwivalenza, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Ecotrade(C-95/07 u C-96/07, EU:C:2008:267, punt 47), li kienet tirrigwarda b'mod partikolari l-istess terminu ta' dekadenza bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jirriżultax mill-proċess li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja u, barra minn hekk, ma ġiex sostnut quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li t-terminu ta' dekadenza previst fl-Artikolu 19(1) tad-Digriet Nru 633 ma josservax dan il-prinċipju.

38 F'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' effettività, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li terminu ta' dekadenza ta' sentejn, bħal dak previst fl-Artikolu 19(1) tad-Digriet Nru 633, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistax per se, jirrendi fil-prattika l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis impossibbli jew eċċessivament diffiċli, peress li l-Artikolu 167 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 179 tad-Direttiva tal-VAT jippermettu lill-Istati Membri li jeżiġu mill-persuna taxxabbli li teżerċita d-dritt għal tnaqqis tagħha matul l-istess perijodu li matulu dan id-dritt inħoloq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Ecotrade, C-95/07 u C-96/07, EU:C:2008:267, punt 48).

39 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikoli 167, 168, 178, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 179 u l-Artikoli 180 u 182 tad-Direttiva tal-VAT għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi terminu ta' dekadenza għall-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività jiġu osservati, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq it-tieni domanda

40 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, minkejja, fit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tirreferi għal nuqqas wieħed mill-imputat fil-kawża prinċipali, ta' twettiq ta' obbligu ta' reġistrazzjoni tal-fatturi li nħarġu fir-rigward tal-kumpannija li tagħha huwa rappreżentant legali, li abbażi tagħhom id-dritt għal tnaqqis huwa invokat, din il-qorti tindika, fil-motivi tad-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, li dan l-imputat, bħala rappreżentant legali tal-imsemmija kumpannija, ma osservax "ebda wieħed" mill-obbligi proċedurali li huma imposti fuq fil-qasam tal-VAT.

41 F'dan is-sens, jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari li, għas-sena finanzjarja 2010, li fir-rigward tagħha l-imsemmi imputat kien suġġett għal proċeduri quddiem l-imsemmija qorti, dan tal-aħħar ma pproduċa ebda wieħed mid-dokumenti ta' kontabbiltà u lanqas mir-reġistru tal-VAT għall-kumpannija li tagħha huwa rappreżentant legali. Barra minn hekk, jirriżulta li din il-kumpannija ma ppreżentatx id-dikjarazzjoni tal-VAT minkejja li hija kienet ħarġet fatturi għal ammont taxxabbli ta' VAT ta' EUR 320 205, li hija ma ħallsitx il-VAT li hija dovuta minnha, li ma osservatx l-obbligu ta' reġistrazzjoni tal-fatturi maħruġa fir-rigward tagħha minn impriżi terzi li hija ħallset.

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u inkunsiderazzjoni ta' dak li ġie espost mill-qorti tar-rinviju u mfakkar fil-punt 25 ta' din is-sentenza, għandu jinftiehem li, permezz tat-tieni domanda tagħha, din il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 168, 178, 179, 193, 206, 242, 244, 250, 252 u 273 tad-Direttiva tal-VAT għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-awtoritajiet fiskali li tirrifjuta lil persuna taxxabbli d-dritt għal tnaqqis tal-VAT meta jiġi stabbilit li din tal-aħħar jkun naqset li twettaq il-parti l-kbira tal-obbligi proċedurali imposta fuqha sabiex tkun tista' tibbenefika minn dan id-dritt.

43 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li d-dritt tal-persuni taxxabbli għal tnaqqis tal-VAT dovuta jew mħallsa għal oġġetti mixtrija jew servizzi riċevuti minnhom bħala VAT tal-input tikkostitwixxi prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT stabbilita mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Bonik, C-285/11, EU:C:2012:774, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-13 ta' Frar 2014, Maks Pen, C-18/13, EU:C:2014:69, punt 23).

44 Kif diġà ġie espost, essenzjalment, fil-punti 29 sa 31 ta' din is-sentenza, id-dritt għal tnaqqis previst fl-Artikoli 167 sa192 tad-Direttiva tal-VAT, li tiggarantixxi n-newtralità perfetta fir-rigward tal-piż fiskali tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, bil-kundizzjoni li l-imsemmija attivitajiet innifishom ikunu, bħala prinċipju, suġġetti għall-VAT, ma jistax, bħala prinċipju, jiġi limitat u jiġi eżerċitat mill-ewwel fir-rigward tat-taxxi kollha imposti fuq it-tranżazzjonijiet relatati ma' inputs.

45 Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju fundamentali ta' newtralità tal-VAT jeżiġi li t-tnaqqis tal-VAT tal-input jingħata jekk ir-rekwiżiti sostantivi jkunu ssodisfatti, minkejja li l-persuni taxxabbli jkunu naqsu milli jissodisfaw ċerti rekwiżiti proċedurali (is-sentenzi du 12 ta' Lulju 2012, EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, EU:C:2012:458, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tad-9 ta' Lulju 2015, Salomie u Oltean, C-183/14, EU:C:2015:454, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Madankollu, il-każ ikun differenti jekk il-ksur ta' dawn ir-rekwiżiti proċedurali jkollu bħala effett li jostakola l-produzzjoni tal-prova ċerta li r-rekwiżiti sostantivi ġew issodisfatti (is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2012, EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, EU:C:2012:458, punt 71, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2014, Idexx Laboratories Italia, C-590/13, EU:C:2014:2429, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 F'dan ir-rigward, għandu jiġi speċifikat li r-rekwiżiti sostantivi tad-dritt għal tnaqqis huma dawk li jirregolaw l-beżi u l-portata ta' dan id-dritt, bħalma huma dawk previsti fil-Kapitolu 1 tat-Titolu X tad-Direttiva tal-VAT, intitolat "Oriġini u skop tad-dritt ta' tnaqqis", filwaqt li r-rekwiżiti proċedurali tal-imsmemi drit jirregolaw il-modalitajiet u l-kontroll tal-eżerċizzju tiegħu kif ukoll il-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-VAT, bħal dawk dwar il-kontabbiltà, il-fatturazzjoni u d-dikjarazzjoni (ara, f'dan is-sens,, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2014, Idexx Laboratories Italia, C-590/13, EU:C:2014:2429, punti 41 u 42 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Għalhekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-VAT u tal-kontroll tagħha mill-awtoritajiet fiskali, it-Titolu XI tad-Direttiva tal-VAT jelenka ċerti obbligi li huma imposti b'mod partikolari fuq il-persuni taxxabbli li huma għandhom iħallsu din it-taxxa. B'mod partikolari, minbarra l-obbligu ta' ħlas tal-VAT li tirriżulta b'mod partikolari mill-Artikoli 193 u 206 ta' din id-direttiva, l-Artikolu 242 tagħha jimponi ż-żamma ta' kontabbiltà adegwata, l-Artikolu 244 tal-imsemmija direttiva jipprevedi obbligu tal-ħażna tal-fatturi kollha u l-Artikoli 250 u 252 tal-istess direttiva jimponu s-sottomissjoni ta' dikjarzzjoni f'terminu speċifiku.

49 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 273 tad-Direttiva tal-VAT jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu obbligi oħra li huma jqisu meħtieġa sabiex jiżguraw il-ġbir korrett tal-VAT u sabiex tiġi evitata l-evażjoni fiskali. Madankollu, il-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jadottaw, bis-saħħa tal-imsemmija dispożizzjoni ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet. Dawn ma jistgħux jintużaw b'mod tali li huma jikkontestaw b'mod sistematiku d-dritt għal tnaqqis tal-VAT, u, għaldaqstant, in-newtralità tal-VAT, (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2008, Ecotrade, C-95/07 u C-96/07, EU:C:2008:267, punt 66, kif ukoll tal-21 ta' Ġunju 2012, Mahagében u Dávid, C-80/11 u C-142/11, EU:C:2012:373, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Ill-ġlieda kontra l-evażjoni fikali, l-evitar fiskali u l-abbuż huwa għan rikonoxxut u inkoraġġit mid-Direttiva tal-VAT u l-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li l-individwi ma jistgħux, b'mod frawdolenti jew abbużiv, jinvokaw normi tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, huwa l-obbligu tal-awtoritajiet u tal-qrati nazzjonali li jirrifjutaw il-benefiċċju tad-dritt għal tnaqqis jekk jiġi stabbilit, fid-dawl ta' elementi oġġettivi, li dan id-dritt huwa invokat b'mod frodulenti jew abbużiv (is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Bonik, C-285/11, EU:C:2012:774, punti 35 sa 37 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-18 ta' Diċembru 2014, Schoenimport "Italmoda" Mariano Previti *et*, C-131/13, C-163/13 u C-164/13, EU:C:2014:2455, punti 42 sa 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Dan huwa l-każ meta l-evażjoni fiskali titwettaq mill-persuna taxxabbli nnifisha (is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Bonik, C-285/11, EU:C:2012:774, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-13 ta' Frar 2014, Maks Pen, C-18/13, EU:C:2014:69, punt 27).

52 Peress li r-rifjut tad-dritt għal tnaqqis jikkostitwixxi eċċezzjoni mill-applikazzjoni tal-prinċipju fundamentali kkostitwit minn dan id-dritt, huma l-awtoritajiet tat-taxxa kompetenti li għandhom jistabbilixxu suffiċjentement skont il-liġi li l-fatturi oġġettivi li għalihom jirreferi l-punt preċedenti ta' din is-sentenza huma ssodisfatti. Imbagħad huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw jekk l-awtoritajiet tat-taxxa kkonċernati stabbilixxewx l-eżistenza ta' tali fatturi oġġettivi (is-sentenza tat-13 ta' Frar 2014, Maks Pen, C-18/13, EU:C:2014:69, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Fil-kuntest tal-proċedura mressqa taħt l-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tivverifika, u lanqas sabiex tevalwa, iċ-ċirkustanzi fattwali fil-kawża prinċipali. Konsegwentement, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq, b'mod konformi mar-regoli dwar il-provi tad-dritt nazzjonali, evalwazzjoni globali tal-fatti u taċ-ċirkustanzi fattwali kollha tal-kawża prinċipali sabiex tistabbilixxi, fid-dawl tal-fatturi oġġettivi pprovduti lilha, jekk l-imputat wettaqx din l-evażjoni jew tali abbuż (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Frar 2014, Maks Pen, C-18/13, EU:C:2014:69, punt 30). Madankollu, sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata risposta utli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fi spirtu ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali, tagħtiha l-indikazzjonijiet kollha li hija tqis li huma neċessarji (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, AES-3C Maritza East 1, C-124/12, EU:C:2013:488, punt 42, u tat-3 ta' Settembru 2014, GMAC UK, C-589/12, EU:C:2014:2131, punt 46).

54 F'dan il-każ, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 41 ta' din is-sentenza, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-imputat fil-kawża prinċipali, għas-sena finanzjarja 2010 li fir-rigward tagħha huwa suġġett għal proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju, mhux talli ma ssodisfax l-obbligu li jissottometti dikjarazzjoni tal-VAT lill-amministrazzjoni u li jħallas l-ammont tat-taxxa dovut mill-kumpannija li huwa rappreżentant legali tagħha, iżda ma pproduċiex la d-dokumenti kontabbli u lanqas ir-reġistru tal-VAT għal din il-kumpannija u lanqas osserva l-obbligu ta' reġistrazzjoni sekwenzjali tal-fatturi maħruġa jew imħallsa minnha previst mid-dritt Taljan.

55 Issa, anki jekk jiġi preżunt li dawn in-nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligi proċedurali li għandu l-imputat fil-kawża prinċipali, bħala rappreżentant legali ta' Del Ferro, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-VAT u tal-kontroll tagħha mill-awtoritajiet fiskali ma jipprekludux il-poruzzjoni tal-prova ċerta li r-rekwiżiti sostantivi li joħolqu d-dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input jiġu ssodisfatti, għandu jiġi kkonstatat li, kif irrilevat il-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub, tali ċirkustanzi jistgħu jistabbilixxu l-eżistenza tal-każ l-iktar sempliċi ta' evażjoni fiskali, li fiha l-persuna taxxabbli deliberatament tonqos milli tissodisfa l-obbligi proċedurali li huma imposti fuqha bil-għan li tevadi l-ħlas tat-taxxa.

56 B'mod partikolari, l-assenza tas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni tal-VAT, bħall-assenza ta' żamma ta' kontabbiltà, li jippermettu l-pplikazzjoni tal-VAT u l-kontroll tagħha mill-awtoritajiet fiskali, u l-assenza ta' reġistrazzjoni tal-fatturi maħruġa u mħallsa jistgħu jostakolaw il-ġbir eżatt tat-taxxa u, konsegwentement, jikkompromettu l-funzjonament tajjeb tas-sistema komuni tal-VAT. Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni ma jostakolax lill-Istati Membri li jikkunsidraw li tali nuqqasijiet bħala li jaqgħu taħt evażjoni fiskali u li jirrifjutaw, f'tali każ, il-benefiċċju tad-dritt għal tnaqqis (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2010, R., C-285/09, EU:C:2010:742, punti 48 u 49).

57 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li, f'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' rinviju tenfasizza wkoll li nuqqasijiet simili rrepetew rwieħom matul diversi snin fiskali sussegwenti. Anki jekk, dawn tal-aħħar snin fiskali jidhru li ma humiex ikkontestati fil-proċedura prinċipali, jibqa' l-fatt li huma provi ta' fatt li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti tar-rinviju fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali li hija obbligata twettaq konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 53 ta' din is-sentenza.

58 Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li rifjut tad-dritt għal tnaqqis fiċ-ċirkustanzi li jikklassifikaw l-eżistenza ta' evażjoni fiskali min-naħa tal-persuna taxxabbli li tippretendi li tibbenefika minn dan id-dritt ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tmur kontra l-prinċipju ta' newtralità fiskali, peress li dan ma jistax jiġi validament invokat minn persuna taxxabbli li tkun intenzjonalment ipparteċipat f'din l-evażjoni fiskali u tkun ipperikolat il-funzjonament tas-sistema komuni tal-VAT (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2010, R., C-285/09, EU:C:2010:742, punti 51 u 54, kif ukoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Schoenimport "Italmoda" Mariano Previti *et*, C-131/13, C-163/13 u C-164/13, EU:C:2014:2455, punt 48).

59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikoli 168, 178, 179, 193, 206, 242, 244, 250, 252 u 273 tad-Direttiva tal-VAT għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-awtoritajiet fiskali li jirrifjutaw lil persuna taxxabbli d-dritt għal tnaqqis tal-VAT meta jkun stabbili li din tal-aħħar tkun naqset li twettaq b'mod farwdolenti, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, il-parti l-kbira tal-obbligi proċedurali li huma imposti fuqha, sabiex tibbenefika minn dan id-dritt.

## Fuq l-ispejjeż

60 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikoli 167, 168, 178, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 179, u l-Artikoli 180 u 182 tad-Direttiva tal-Kunsill2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi terminu ta' dekadenza għall-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività jiġu osservati, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.**

2) **L-Artikoli 168, 178, 179, 193, 206, 242, 244, 250, 252 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-awtoritajiet fiskali li jirrifjutaw lil persuna taxxabbli d-dritt għal tnaqqis tal-VAT meta jkun stabbilit li din tal-aħħar tkun naqset li twettaq b'mod frawdolenti, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, il-parti l-kbira tal-obbligi proċedurali li huma imposti fuqha, sabiex tibbenefika minn dan id-dritt.**

Firem